# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Dicembru, 2016**

Kawza Numru: 330/2016JB

Numru: 12

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

***vs***

**Clyde Cassar (K.I.: 507677M) u**
**Angele Pullicino (K.I.: 138378M) ghal kull interess li jista' jkollha**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-17 ta' Awissu 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Awtorita Attrici talbet li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tmien mija u sebgha euro u hdax-il centezmu (€807.11) liema somma tirraprezenta danni kkagunati nhar it-13 ta' Ottubru 2014 waqt li l-vettura EBD492 kienet qed tinstaq fi Triq Mikiel Anton Vassalli fl-Imsida. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 12);

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li ghad li debitament notifikati bl-atti (a fol 13ter, 20ter), il-Konvenuti naqsu milli jikkontestaw dina l-kawza u dan minkejja li l-Konvenuta attendiet ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 17) u talbet aktar zmien sabiex tipprezenta risposta, liema talba giet akkolta;

Sema' x-xhieda;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenuti – ghad li debitament notifikati – naqsu milli jipprezentaw risposta. Mill-banda 'l ohra, l-Awtorita Attrici irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lill-Awtorita Attrici s-somma ta' €807.11, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kawza. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenuti.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*